MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 385/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Clare Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ att ta’ citazzjoni kontra Clare Borg, bint Paul u Linda nee Pearson, imwielda l-Ingilterra fl-10 ta’ Mejju 1979, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita` nru 376997M, talli (**1**) f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Settembru 1998 u fit-tnax-il xahar ta’ qabel kellha fil-pusesss taghha d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Settembru 1998 u fl-erba’ gimghat ta’ qabel din id-data forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**3**) talli matul l-1998 assocjat ruhha ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika medicina f’dawn il-Gzejjer bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f) tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101); u (**4**) talli saret recidiva skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 [recte: 8] ta' Mejju 1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti, filwaqt li lliberat lill-imsemmija Clare Borg mit-tielet imputazzjoni, sabitha hatja skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha (cioe` ta' pussess u traffikar ta' erojina, u li kienet recidiva) u, wara li kkonstatat li l-ewwel imputazzjoni kienet assorbita (ghal dak li hu konkors ta' reati u pieni skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9) fit-tieni imputazzjoni, ikkundannatha sitt xhur prigunerija u multa ta' €466 (pagabbli b'rati mensili ta' €100 l-wahda, bl-ewwel pagament li kellu jsehh fi zmien erba' gimghat mid-data ta' dik is-sentenza); il-Qorti Inferjuri ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga involuta fil-kaz taht is-supervizjoni tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Clare Borg, minnha ppresentat fis-26 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hi tigi liberata mill-imputazzjonijiet li taghhom instabet hatja, jew, alternattivament u bla pregudizzju, li l-piena tigi mibdula;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 10 ta' Lulju 2009; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li din il-kawza hadet dan iz-zmien kollu biex tigi deciza, kemm mill-ewwel qorti kif ukoll minn din il-Qorti, minhabba l-assenzi ripetuti tal-imputata. Bizzejjed jinghad li bejn id-data tal-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri – skedata ghall-15 ta' Marzu 2000 – u d-data meta l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha – fid-9 ta' Dicembru 2003 – l-imputata naqset li tidher xejn anqas minn tlettax-il darba. Issa, huwa minnu li sa certu zmien is-subartikolu (5) tal-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali (li jawtorizza l-arrest ta' l-imputat li ma jkunx gja taht arrest, bhalma kienet l-imputata Borg ghax hi kienet originarjament tressqet b'citazzjoni u mhux taht arrest) kien applikabbli biss ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja; izda bl-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 din

id-disposizzjoni saret disponibbli kemm ghall-Qorti Inferjuri meta tkun qed tagixxi bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (kif kien dan il-kaz, stante l-ordni tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja) kif ukoll ghall-Qorti Kriminali u ghall-Qorti tal-Appell Kriminali[1]. Infatti, kien proprju b’applikazzjoni ta’ din id-disposizzjoni li nhar il-Gimgha, 10 ta’ Lulju 2009, din il-Qorti, wara li nnotat id-diffikulta` tal-marixxalli taghha biex jinnotifikaw lill-appellanti fl-indirizz li hija stess kienet tat fir-rikors ta’ appell taghha[2], ordnat l-arrest tal-appellanti minkejja li hija kienet dehret ghall-imsemmija udjenza tal-10 ta’ Lulju 2009. Sfortunatament jidher li f’kazijiet fejn persuna tkun tressqet b’citazzjoni u mhux b’arrest – jew tkun tressqet b’arrest u tkun inghatat il-helsien mill-arrest taht garanzija – il-Qrati Inferjuri, rinfaccati b’diffikultajiet ta’ notifika u/jew nuqqas ta’ dehra tal-imputat, mhux qed jaghmlu uzu bizzejjed mis-setgha taghhom moghtija bl-imsemmija Artikoli 397(5) u 525(3) tal-Kap. 9. Dan qed iwassal, f’hafna kazijiet mibdija b’citazzjoni, ghal dewmien ezagerat kagunat, hafna drabi, mill-istess imputat li daqqa’ jaghzel li jidher u daqqa’ jaghzel li ma jidhirx. S’intendi min ibati l-aktar f’sitwazzjonijiet simili huma l-parti leza u x-xhieda, li hafna drabi jigu l-Qorti ghal xejn. Fil-kaz in dizamina, kif inghad, il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-kaz taghha gja <u>fid-9 ta’ Dicembru 2003</u>, izda xorta wahda wara din id-data kien hemm sensiela ohra ta’ okkazjonijiet fejn l-imputata ma dehritx (u xi mindaqqiet, meta hi tfaccat, ma deherx l-avukat taghha!). Fl-udjenza tal-4 ta’ Lulju 2008, meta fl-ahhar tfaccat l-imputata u l-avukat difensur taghha, u l-imsemmi avukat (fl-ahhar) iddikjara li d-difiza “m’ghandix aktar provi” – dikjarazzjoni pjuttost impreciza peress li mid-<u>9 ta’ Dicembru 2003 sal-4 ta’ Lulju 2008</u> l-imputata ma kienet effettivament ressqet <u>ebda prova</u> in difeza – il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghas-26 ta’ Settembru 2008. F’din id-data, pero`, l-imputata regghet ma dehritx, u l-Qorti, gustament, halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta’ Dicembru 2008.

---

[1] Ara l-Artikolu 525(2)(3), Kap. 9.

[2] Il-Marixxalli pprezentaw erba’ riferti negattivi, datati 18/05/09, 20/05/09, 06/07/09 u ohra (f’hin iehor) 06/07/09.

Kienet, ghalhekk, haga alkwantu sorprendenti ghal din il-Qorti meta rat li l-ewwel aggravju tal-appellanti kien li l-ewwel qorti ma kienitx tatha smigh xieraq ghax ma taghthiex "l-opportunita` sabiex hija taghmel is-sottomissjonijiet taghha f'dan il-kaz" u li kien hemm "irregolarita` fil-proceduri" ghax f'xi okkazjonijiet instemghu xhieda (dwar il-fatt li hija kienet ghadha ma nstabetx) fl-assenza taghha! Dana l-aggravju, pero`, gie irtirat mill-appellanti permezz ta' nota pprezentata seduta stante fl-udjenza tal-Gimgha 10 ta' Lulju 2009.

It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu li d-deposizzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud, moghtija quddiem il-Qorti Inferjuri, kienet inammissibbli ghax dan qatt ma kien gie "rikonfermat" bhala espert mill-Qorti. Dana l-aggravju hu manifestament infondat. L-ispizjar Mifsud kien gie nominat fl-inkjesta dwar l-*in genere* u effettivament ippresenta r-relazzjoni tieghu f'dik l-inkjesta u anke halifha f'dik l-inkjesta fit-22 ta' Ottubru 1998 (ara Dok. AG a fol. 34). Meta huwa xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2000 <u>ma kienx hemm ghalfejn jerga' jigi ri-nominat jew ri-konfermat bhala espert</u> ghal bicca xoghol li huwa kien diga` wettaqha u halifha fl-inkesta. Fi kwalunkwe kaz, pero`, anke li kieku wiehed kellu jinjora kompletament id-deposizzjoni u r-relazzjoni ta' l-imsemmi Mario Mifsud, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet jinsabu sodisfacentement pruvati kemm mill-istqarrijiet tal-istess appellanti kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Anna Grech.

It-tielet aggravju tal-appellanti huwa li hija nstabet hatja hazin fuq il-fatti. Dan l-aggravju huwa wkoll manifestament infondat. Mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li Anna Grech kienet taghti l-flus lill-appellanti biex din tixtrilha l-erojina, u l-appellanti hekk ghamlet f'aktar min okkazjoni wahda.

Ir-raba' aggravju hu dwar il-piena. L-appellanti tghid li hija applikabbli ghaliha d-disposizzjoni tal-*proviso* tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 (dwar l-hekk imsejjah "sharing"). Dan l-aggravju huwa wkoll manifestament infondat ghax f'dan il-kaz kjarament ma jikkonkorrux l-estremi tal-imsemmi *proviso.* Kwantu ghall-

piena u fi kwalunkwe kaz, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta li fil-kors, pjuttost twil ghar-ragunijiet gja spjegati, ta' din il-kawza l-appellanti kellha 19-il kundanna ohra, hafna minnhom dwar tlajjar ghall-finijiet ta' prostituzzjoni. L-imsemmi *proviso* jaghti l-fakolta` lill-Qorti li ma tapplikax piena ta' prigunerija. Anke li kieku dak il-*proviso* kien japplika f'dan il-kaz – li, kif inghad, ma japplikax – din il-Qorti tara li fid-dawl tal-antecedenti tal-appellanti, hija ma kienitx tkun gustifikata li tezercita d-diskrezzjoni taghha favur sentenza mhux ta' prigunerija effettiva.

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 429 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellanti ammenda ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233), konvertibbli f'ghoxrin gurnata detenzjoni ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------